2024/601

16.2.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/601

tal-14 ta' Diċembru 2023

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-ħops u tal-prodotti tal-ħops, u l-kontrolli relatati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90a(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), u l-Artikolu 91, l-ewwel paragrafu, il-punti (b), (d) u (g) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ħassar u ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ([2]). Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jistabbilixxi regoli dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-ħops u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħops, u jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni f'dak ir-rigward. Biex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-applikazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħops u tal-prodotti tal-ħops fil-qafas legali l-ġdid, iridu jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti jenħtieġ li jissostitwixxu d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni rilevanti tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1850/2006 ([3]), li jitħassar bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2897 ([4]). Jenħtieġ li r-referenzi għar-Regolament imħassar jinqraw f'konformità mal-Anness II ta' dak ir-Regolament Delegat, li jipprevedi tabella ta' korrelazzjoni.

(2) L-Artikolu 77(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jipprevdi li l-prodotti tas-settur tal-ħops maħsuda jew ippreparati fl-Unjoni għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' ċertifikazzjoni li tiggarantixxi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kwalità. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-proċedura ta' ċertifikazzjoni fl-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat meta u fejn jenħtieġ li ssir il-proċedura ta' ċertifikazzjoni u min jenħtieġ li jħallas l-ispiża tagħha, kif ukoll x'jikkostitwixxi prova taċ-ċertifikazzjoni. Jenħtieġ li jiġu implimentati wkoll regoli għal każijiet fejn l-imballaġġ tal-ħops jew tal-prodotti tal-ħops jinbidel wara ċ-ċertifikazzjoni.

(3) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà, jenħtieġ li l-ħops jiġi kkummerċjalizzat f'pakketti ssiġillati, li jenħtieġ li jkollhom marki li jiddeskrivu l-prodott, il-varjetà, is-sena tal-ħsad u n-numru ta' referenza uniku tal-kunsinna, li jrid ikun identiku għan-numru ta' referenza taċ-ċertifikat maħruġ f'konformità mal-Artikolu 77(1) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għall-kunsinna inkwistjoni.

(4) Jenħtieġ li jiġu stipulati regoli biex jiġu stabbiliti n-numri ta' referenza ħalli jkun possibbli li jiġu identifikati u tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta' kull kunsinna. Sabiex jiġi żgurat dan, in-numru ta' referenza jenħtieġ li jkun fih informazzjoni dwar l-Istat Membru taċ-ċertifikazzjoni, iċ-ċentru taċ-ċertifikazzjoni li jkun ħareġ iċ-ċertifikat, is-sena tal-ħsad u n-numru ta' referenza uniku attribwit għall-kunsinna. Minbarra n-numru ta' referenza uniku tagħhom, iċ-ċertifikati għall-ħops u għall-prodotti tal-ħops jenħtieġ li jkun fihom lista minima ta' karatteristiċi li jiddeskrivu l-prodott. Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-prodotti tal-ħops, in-numri ta' referenza taċ-ċertifikati għall-prodotti tal-input u, fil-każ ta' taħlita ta' prodotti ta' input, il-perċentwali tal-ħops ta' kull varjetà u/jew ir-reġjun tat-tkabbir tal-ħops użat, espressi f'ekwivalenti ta' koni tal-ħops, jenħtieġ li jiġu elenkati wkoll fuq iċ-ċertifikat tal-prodott finali.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/1234/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1850/2006 tal-14 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-ħops u l-prodotti tal-ħops (ĠU L 355, 15.12.2006, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1850/oj).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2897 tal-14 ta' Diċembru 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni fis-settur tal-ħops u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1850/2006 (ĠU L, 2024/602, 16.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/602/oj).

(5) Sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-ħops mill-istadju tal-ħsad, kull kunsinna ta' ħops mhux ippreparat jenħtieġ li tingħata numru ta' identifikazzjoni, li jenħtieġ li jidher fuq iċ-ċertifikat maħruġ għall-ħops ippreparat. Jenħtieġ li jiġi speċifikat li l-ħops mhux ippreparat iċċertifikat jista' jinbidel biss fi prodotti tal-ħops f'ċirkwit operazzjonali magħluq u li f'dan il-proċess ma jista' jintuża l-ebda addittiv ieħor għajr l-estratt tal-misħun imħejji mill-ħops u minn xroppi tal-glukożju għall-istandardizzazzjoni tal-estratti tal-ħops.

(6) Minħabba li l-kontenut tal-aċidu alfa tal-ħops jonqos b'mod naturali maż-żmien, jenħtieġ li tiġi stabbilita skadenza għaċ-ċertifikazzjoni tal-koni tal-ħops, filwaqt li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà li jistabbilixxu data aktar kmieni. Jenħtieġ li titfassal u tiġi ffirmata mill-produttur dikjarazzjoni bil-miktub tal-ħsad għal kull kunsinna ta' ħops mhux ippreparat ippreżentata għaċ-ċertifikazzjoni.

(7) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-metodi għat-teħid ta' kampjuni u għall-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-kummerċjalizzazzjoni għall-koni tal-ħops stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2897.

(8) Sabiex tiġi żgurata l-kwalità għolja tal-prodotti tal-ħops, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jintużaw biss inputs iċċertifikati għall-produzzjoni tagħhom. Dan jista' jinkiseb jew bil-preżenza tar-rappreżentanti tal-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni, jew bit-tqassim tekniku tal-impjant tal-ipproċessar.

(9) Fir-rigward tal-impjanti tal-ipproċessar tal-ħops, jenħtieġ li dawn jipprovdu lill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni l-informazzjoni kollha relatata mat-tqassim tekniku tal-impjant tal-ipproċessar u l-miżuri stabbiliti biex jiġi żgurat li fil-każ tat-trab tal-ħops, it-trab tal-ħops b'kontenut ogħla ta' lupulin, l-estratt tal-ħops u l-prodotti tal-ħops imħallta, il-kontenut ta' aċidu alfa ta' dawk il-prodotti ma jkunx inqas minn dak tal-ħops li minnu jkunu ġew ippreparati. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli għar-rekords li għandhom jinżammu mill-impjanti tal-ipproċessar għal kull lott ta' prodott tal-ħops sabiex tkun possibbli t-traċċabbiltà ta' kull prodott ta' input għall-prodotti tal-ħops finali.

(10) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti tal-ħops, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtoritajiet kompetenti taċ-ċertifikazzjoni responsabbli għat-twettiq tal-kontrolli meħtieġa u għall-istabbiliment ta' manwali tal-proċeduri bl-għan li tiġi ggarantita kwalità minima u traċċabbiltà sħiħa tal-ħops u tal-prodotti tal-ħops iċċertifikati. L-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li tapprova ċ-ċentri taċ-ċertifikazzjoni li jistgħu jwettqu ċertifikazzjoni tal-ħops u/jew tal-prodotti tal-ħops, billi talloka numru ta' kodiċi lil kull wieħed minnhom li jkun parti min-numru ta' referenza uniku ta' kull ċertifikat li joħorġu.

(11) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għaċ-ċentri ta' ċertifikazzjoni approvati, kif ukoll frekwenza minima għall-kontroll tagħhom permezz ta' kontrolli fuq il-post imwettqa mill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni.

(12) Il-kwalità għolja u r-reputazzjoni tajba tal-prodotti tas-settur tal-ħops huma dovuti għat-traċċabbiltà tal-prodotti ċċertifikati mill-ħops mhux ippreparat sal-prodott tal-ħops finali. Għalhekk huwa importanti li l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni tiġi awtorizzata biex tirtira l-approvazzjoni ta' ċentru taċ-ċertifikazzjoni f'każ ta' entrati skorretti f'ċertifikat maħruġ minnhom jew f'każ li jiġu traskurati l-obbligi ta' notifika lejn l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni. L-approvazzjoni jenħtieġ li tiġi rtirata għal mill-inqas 12-il xahar u jenħtieġ li terġa' tingħata biss fuq talba tal-applikant jekk l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni tkun sodisfatta bl-azzjoni ta' rimedju meħuda.

(13) Sabiex tiġi żgurata traċċabbiltà sħiħa, l-informazzjoni dwar iċ-ċertifikati maħruġa għall-ħops u għall-prodotti tal-ħops jeħtieġ li tiġi ċentralizzata fil-livell nazzjonali. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jistabbilixxu l-forma u l-mod li bihom dik l-informazzjoni għandha tiġi nnotifikata lilhom.

(14) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar l-aspetti rilevanti kollha tas-sistema ta' ċertifikazzjoni għall-prodotti tas-settur tal-ħops, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar il-kontenut, il-kronometraġġ, il-frekwenza u l-iskadenzi tan-notifiki fir-rigward ta' din l-iskema. Għall-ġestjoni

xierqa tas-settur tal-ħops, jixraq li jiġi previst li n-notifiki kollha mill-Istati Membri lill-Kummissjoni meħtieġa f'konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 ([5]) u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 ([6]).

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Id-definizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2897 għandha tapplika għal dan ir-Regolament.

TAQSIMA 2

ĊERTIFIKAZZJONI TAL-ĦOPS U TAL-PRODOTTI TAL-ĦOPS

Artikolu 2

Proċedura ta' ċertifikazzjoni

1. Il-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-koni tal-ħops li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1210 10 00 koperti mill-Parti VI tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u tal-prodotti tal-ħops li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 1210 20 u 1302 13 00 koperti mill-Parti VI tal-Anness I ta' dak ir-Regolament skont l-Artikolu 77 ta' dak ir-Regolament għandha titwettaq qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq u tikkonsisti f'analiżi tal-kunsinna inkwistjoni.

2. Sabiex jiġu ċċertifikati, il-koni tal-ħops għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' kummerċjalizzazzjoni stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2897. Il-prodotti tal-ħops għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 sabiex jiġu ċċertifikati u għandu jiġi żgurat li jkunu derivati kompletament minn ħops li jissodisfa r-rekwiżiti minimi tal-kummerċjalizzazzjoni. Il-ħops u l-prodotti tal-ħops iċċertifikati għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ f'konformità mal-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

3. Il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni għandha titwettaq fl-Istat Membru li fih jitkabbar il-ħops għall-koni tal-ħops u li fih jiġi prodott il-prodott tal-ħops għall-ħops u l-prodotti tal-ħops ipproċessati.

4. Il-proċedura taċ-ċertifikazzjoni għandha ssir fl-azjenda agrikola jew f'ċentri taċ-ċertifikazzjoni taħt sorveljanza uffiċjali.

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1183 tal-20 ta' April 2017 li jissupplimenta r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni ta' informazzjoni u dokumenti (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 100, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/1183/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1185 tal-20 ta' April 2017 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013 u (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifiki lill-Kummissjoni tal-informazzjoni u d-dokumenti u li jemendaw u jħassru diversi Regolamenti tal-Kummissjoni (ĠU L 171, 4.7.2017, p. 113, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/1185/oj).

5. L-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni għandhom jiġġarrbu mill-operaturi li jkunu soġġetti għalihom, ħlief meta l-Istati Membri jiddeċiedu mod ieħor.

6. L-immarkar li jidher fuq kull pakkett issiġillat u ċ-ċertifikat li għandu jkun hemm mal-prodott tal-ħops għandhom iservu bħala prova taċ-ċertifikazzjoni.

7. Jekk, wara ċ-ċertifikazzjoni, jiġi mibdul l-imballaġġ tal-ħops jew tal-prodotti tal-ħops, b'aktar ipproċessar jew mingħajru, il-prodott għandu jgħaddi minn proċedura taċ-ċertifikazzjoni ġdida. Madankollu, fejn bidla fl-imballaġġ titwettaq taħt sorveljanza uffiċjali mingħajr ebda pproċessar tal-prodott, il-proċedura ta' ċertifikazzjoni għandha tinkludi biss l-immarkar tal-imballaġġ il-ġdid u l-entrata fuq iċ-ċertifikat oriġinali ta' dan l-immarkar u r-referenza "bidla fl-imballaġġ".

Artikolu 3

Immarkar u ssiġillar

1. L-immarkar tal-pakketti f'konformità mal-Anness I għandu jitwettaq wara l-issiġillar taħt sorveljanza uffiċjali, fuq l-unità tal-imballaġġ li fih ikun se jiġi kkummerċjalizzat il-prodott. In-numru ta' referenza għandu jkun l-istess għall-pakketti kollha f'kunsinna u għandu jikkorrispondi għan-numru ta' referenza uniku taċ-ċertifikat għal dik il-kunsinna, stabbilit f'konformità mal-Anness II.

2. Kull pakkett għandu juri fuqu tal-anqas l-immarkar li ġej f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni:

(a) id-deskrizzjoni tal-prodott inkluża r-referenza "ħops ippreparat" jew "ħops mhux ippreparat", skont il-każ;

(b) il-varjetà jew il-varjetajiet;

(c) is-sena tal-ħsad;

(d) in-numru ta' referenza uniku taċ-ċertifikat maħruġ f'konformità mal-Artikolu 4.

Dan l-immarkar għandu jkun leġġibbli, b'karattri li ma jitħassrux u tal-istess daqs.

3. Fil-każ ta' ħops minn razez sperimentali tul il-kors tal-iżvilupp u prodotti minn istitut tar-riċerka fl-istabbiliment tiegħu stess jew minn produttur f'isem dak l-istitut, l-entrati msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b) jistgħu jiġu mibdula b'isem jew numru li jidentifika r-razza inkwistjoni.

Artikolu 4

Ċertifikat

1. Kull ċertifikat għandu jingħata numru ta' referenza uniku magħmul mill-kodiċijiet li jindikaw, f'konformità mal-Anness II, l-Istat Membru, in-numru tal-kodiċi allokat liċ-ċentru taċ-ċertifikazzjoni, is-sena tal-ħsad u n-numru ta' referenza mogħti lill-kunsinna rilevanti miċ-ċentru taċ-ċertifikazzjoni.

2. Fil-każ tal-koni tal-ħops, iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-anqas l-entrati li ġejjin:

(a) id-deskrizzjoni tal-prodott inklużi r-referenzi "ħops biż-żerriegħa" jew "ħops bla żerriegħa", kif xieraq, u "ħops ippreparat" jew "ħops mhux ippreparat", skont il-każ;

(b) in-numru ta' referenza uniku taċ-ċertifikat għall-kunsinna;

(c) il-piż nett u/jew gross tal-kunsinna;

(d) iż-żona tal-produzzjoni tal-ħops;

(e) il-varjetà;

(f) ir-referenza "ħops biż-żerriegħa" jew "ħops bla żerriegħa", kif xieraq;

(g) is-sena tal-ħsad;

(h) l-entrata elenkata fl-Anness III tal-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

Fil-każ tal-ħops minn razez sperimentali, l-entrati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (e), jistgħu jiġu sostitwiti b'isem jew b'numru li jidentifika r-razza inkwistjoni.

3. Fil-każ tal-prodotti tal-ħops, iċ-ċertifikat għandu jinkludi tal-anqas l-entrati li ġejjin:

(a) id-deskrizzjoni tal-prodott;

(b) in-numru ta' referenza uniku taċ-ċertifikat tal-kunsinna;

(c) il-piż nett u/jew gross tal-kunsinna;

(d) in-numru ta' referenza uniku taċ-ċertifikat(i) tal-ħops użat;

(e) il-varjetà jew il-varjetajiet tal-ħops użat;

(f) iż-żona/i tal-produzzjoni tal-ħops użat;

(g) is-sena tal-ħsad;

(h) il-post u d-data tal-ipproċessar;

(i) l-entrata elenkata fl-Anness III tal-inqas f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

4. Meta jitħalltu flimkien koni tal-ħops ta' varjetajiet u/jew żoni ta' produzzjoni differenti biex jiġu ttrasformati fi prodott tal-ħops, iċ-ċertifikat li jakkumpanja l-prodott irid jiddikjara l-piż perċentwali ta' kull waħda mill-varjetajiet u r-reġjuni ta' produzzjoni tal-ħops differenti użati fit-taħlita.

5. Jekk il-prodotti tal-ħops jintużaw flimkien ma' koni tal-ħops għall-manifattura ta' prodotti tal-ħops, jew jekk jintużaw prodotti differenti tal-ħops, il-perċentwal ta' kull wieħed mill-prodotti tal-input għandu jingħata fuq iċ-ċertifikat, abbażi tal-piż tal-koni tal-ħops li ntużaw fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-input.

6. In-numri ta' referenza uniċi taċ-ċertifikati maħruġa għall-prodotti tal-input użati fit-taħlita għandhom jissemmew ħdejn il-prodott.

Artikolu 5

Rekwiżiti komuni taċ-ċertifikazzjoni għall-ħops u għall-prodotti tal-ħops

1. Għandu jingħata numru ta' identifikazzjoni lill-kunsinna tal-ħops oriġinali mhux ippreparat qabel it-tħejjija. Dan in-numru għandu jidher fuq iċ-ċertifikat li jinħareġ għall-ħops ippreparat.

2. Il-prodotti tal-ħops prodotti minn ħops mhux ippreparat iċċertifikat jistgħu jiġu ċċertifikati biss jekk il-preparazzjoni tkun saret f'ċirkwit operazzjonali magħluq.

3. Bl-eċċezzjoni tal-estratt tal-misħun imħejji mill-ħops u mix-xroppi tal-glukożju għall-istandardizzazzjoni tal-estratti tal-ħops, il-ħops u l-prodotti tal-ħops iċċertifikati biss għandhom jidħlu fiċ-ċirkwit operazzjonali magħluq. Għandhom jidħlu biss fl-istat li fih ikunu ġew iċċertifikati.

TAQSIMA 3

REKWIŻITI TA' ĊERTIFIKAZZJONI ADDIZZJONALI GĦALL-ĦOPS

Artikolu 6

Ħops mhux ippreparat ippreżentat għaċ-ċertifikazzjoni

1. Għall-koni tal-ħops, iċ-ċertifikazzjoni għandha ssir qabel il-31 ta' Marzu tas-sena wara s-sena tal-ħsad. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu data aktar kmieni.

2. Kull kunsinna ta' ħops mhux ippreparat li tiġi ppreżentata għaċ-ċertifikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tal-ħsad bil-miktub iffirmata mill-produttur li jagħti d-*data* li ġejja:

(a) l-isem u l-indirizz tal-produttur;

(b) il-post tal-produzzjoni;

(c) il-varjetà;

(d) is-sena tal-ħsad;

(e) ir-referenza tal-pakkett fir-reġistru katastali jew l-ekwivalenti uffiċjali tiegħu;

(f) l-għadd ta' pakketti fil-kunsinna.

3. Id-dikjarazzjoni tal-ħsad prevista fil-paragrafu 2 għandha takkumpanja l-kunsinna tal-ħops sakemm jinħareġ iċ-ċertifikat.

Artikolu 7

Verifika tal-kriterji tal-kwalità minima tal-ħops mhux ippreparat

1. Il-konformità mar-rekwiżit minimu tal-kummerċjalizzazzjoni relatat mal-kontenut ta' ndewwa tal-ħops stabbilit fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2023/2897 għandha tiġi vverifikata mir-rappreżentanti tal-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni billi japplikaw wieħed mill-metodi deskritti fit-taqsima B tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament u r-riżultati jridu jingħataw bejn żewġ devjazzjonijiet standard. Fl-eventwalità ta' nuqqas ta' qbil, il-konformità għandha tiġi ċċekkjata bil-metodu deskritt fit-taqsima B, il-punt 1, tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

2. Il-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-kummerċjalizzazzjoni oħrajn barra l-kontenut ta' ndewwa għandhom jiġu ċċekkjati f'konformità mal-prassi kummerċjali normali.

Madankollu, fl-eventwalità ta' nuqqas ta' qbil dwar il-kontenut ta' materja barranija, għandu jintuża l-metodu deskritt fit-taqsima C tal-Anness IV.

3. Għall-fini tal-metodi ta' kontroll imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-kampjuni għandhom jittieħdu u jiġu ttrattati f'konformità mal-metodu deskritt fit-taqsima A tal-Anness IV. F'kull kunsinna, għandhom jittieħdu kampjuni minn mill-inqas pakkett wieħed minn kull għaxra u, fi kwalunkwe każ, minn mill-inqas żewġ pakketti f'kunsinna.

TAQSIMA 4

REKWIŻITI TA' ĊERTIFIKAZZJONI ADDIZZJONALI GĦALL-PRODOTTI TAL-ĦOPS

Artikolu 8

Salvagwardji matul il-produzzjoni tal-prodotti tal-ħops

1. Il-prodotti tal-ħops jistgħu jiġu ċċertifikati biss jekk ir-rappreżentanti tal-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni jkunu preżenti f'kull ħin meta jkun qed isir l-ipproċessar. Ir-rappreżentanti tal-awtorità kompetenti għandhom jissorveljaw l-ipproċessar f'kull stadju, mill-ftuħ tal-pakkett issiġillat li jkun fih il-ħops iċċertifikat jew il-prodott tal-ħops iċċertifikat li għandu jiġi pproċessat sat-tlestija tal-ippakkjar, l-issiġillar u l-immarkar tal-prodott finali tal-ħops.

2. Il-preżenza tar-rappreżentanti tal-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni meta jkun qed isir l-ipproċessar mhijiex meħtieġa dment li jkun jista' jiġi żgurat b'mezzi tekniċi, approvati mill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni, li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma rrispettati.

3. Il-prodotti tal-ħops jistgħu jiġu ċċertifikati biss jekk, qabel il-bidla għal lott differenti f'sistema ta' pproċessar, ikun ġie żgurat li s-sistema ta' pproċessar hija vojta, tal-anqas sakemm meħtieġ biex jiġi evitat li jitħalltu l-elementi ta' żewġ lottijiet differenti.

Artikolu 9

Informazzjoni u żamma tar-rekords mill-impjanti tal-ipproċessar

1. L-operaturi tal-impjanti tal-ipproċessar tal-ħops għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni bl-informazzjoni kollha relatata mat-tqassim tekniku tal-impjant tal-ipproċessar, kif ukoll il-miżuri fis-seħħ biex jiġi żgurat li jiġi rrispettat ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

2. L-operaturi tal-impjanti tal-ipproċessar tal-ħops għandhom iżommu rekords preċiżi dwar il-kwantitajiet ta' ħops ipproċessat. Għal kull lott ta' ħops għall-ipproċessar għandhom jitfasslu rekords bid-dettalji tal-piżijiet tal-prodotti tal-input u tal-prodott ipproċessat li jinkiseb.

Fir-rigward tal-prodotti tal-input, ir-rekords għandu jkollhom ukoll in-numru ta' referenza uniku taċ-ċertifikat għall-kunsinni kollha tal-ħops involuti u l-varjetà u r-reġjun tal-produzzjoni tal-ħops. Jekk jintuża ħops ta' aktar minn varjetà waħda jew minn aktar minn reġjun tal-produzzjoni wieħed fl-istess lott, il-porzjonijiet rispettivi tal-piżijiet tagħhom iridu jidhru fir-rekords.

Fir-rigward tal-prodott ipproċessat, fir-rekords għandhom jidhru wkoll il-varjetà u r-reġjun tal-produzzjoni, jew, jekk il-prodott ipproċessat ikun taħlita, il-kompożizzjoni skont il-varjetajiet u/jew ir-reġjuni tal-produzzjoni. Il-piżijiet kollha jistgħu jiġu ttondjati sal-eqreb kilogramma.

3. Ir-rekords tal-kwantitajiet għandhom jiġu ffirmati mir-rappreżentanti tal-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni malli jitlesta l-ipproċessar ta' lott. Dawn għandhom jinżammu mill-operatur tal-impjant tal-ipproċessar għal mill-inqas 3 snin.

TAQSIMA 5

AWTORITAJIET TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI U ĊENTRI TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 10

Awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti taċ-ċertifikazzjoni u jiżguraw li l-kontrolli u l-manwali meħtieġa tal-proċeduri jkunu fis-seħħ, bl-għan li jiġu ggarantiti l-kwalità minima tal-ħops u tal-prodotti tal-ħops iċċertifikati, ir-rispett tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 77(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 kif ukoll it-traċċabbiltà tal-ħops u tal-prodotti tal-ħops fil-livell tal-kunsinna.

2. L-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni għandha tapprova ċ-ċentri taċ-ċertifikazzjoni li jistgħu jwettqu ċertifikazzjoni tal-ħops u/jew tal-prodotti tal-ħops u tallokalhom numru tal-kodiċi f'konformità mal-punt 1 tal-Anness II.

Artikolu 11

Approvazzjoni u kontroll taċ-ċentri taċ-ċertifikazzjoni

1. L-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni għandha tapprova ċ-ċentri taċ-ċertifikazzjoni, b'personalità ġuridika jew kapaċità ġuridika suffiċjenti biex ikunu soġġetti, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, għad-drittijiet u l-obbligi, u tiżgura li għandhom il-faċilitajiet adegwati biex iwettqu ħidmiet ta' kampjunar, analiżi, statistika u reġistrazzjoni.

2. Fuq bażi ta' analiżi tar-riskji, mill-inqas darba kull sena kalendarja, l-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni għandha twettaq kontrolli għal għarrieda taċ-ċentri taċ-ċertifikazzjoni fuq il-post sabiex tivverifika l-konformità mal-paragrafu 1. L-effettività tal-parametri tal-analiżi tar-riskji użati fis-snin preċedenti għandha tiġi vvalutata fuq bażi annwali.

Artikolu 12

Irtirar tal-approvazzjoni

1. L-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni għandha tirtira l-approvazzjoni ta' ċentru taċ-ċertifikazzjoni jekk issib li fit-tħejjija tal-prodotti tal-ħops ikunu ntużaw komponenti mhux permessi, jew li l-komponenti użati ma jikkonformawx mal-entrati fiċ-ċertifikat kif previst fl-Artikolu 4(2) u (3), u jekk dan ikun attribwibbli liċ-ċentru taċ-ċertifikazzjoni kkonċernat, jew jekk l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni tittraskura l-obbligu ta' notifika msemmi fl-Artikolu 13 jew jippreżentaw notifiki skorretti.

2. L-approvazzjoni ma għandhiex terġa' tingħata lura qabel perjodu ta' mill-anqas 12-il xahar wara d-data li tiġi rtirata. Fuq talba taċ-ċentru taċ-ċertifikazzjoni li tkun ġiet irtirata l-approvazzjoni tiegħu, l-approvazzjoni tista' terġa' tingħata lura wara dak il-perjodu jekk l-awtorità taċ-ċertifikazzjoni tkun sodisfatta bl-azzjoni rimedjali meħuda.

TAQSIMA 6

NOTIFIKI

Artikolu 13

Notifika lill-awtorità kompetenti taċ-ċertifikazzjoni

L-informazzjoni dwar iċ-ċertifikati maħruġa għall-ħops u għall-prodotti tal-ħops għandha tkun ċentralizzata fil-livell nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-forma u l-mod kif din l-informazzjoni għandha tiġi nnotifikata lilhom miċ-ċentri taċ-ċertifikazzjoni.

Artikolu 14

Notifiki lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena:

(a) lista taż-żoni tal-produzzjoni tal-ħops tagħhom;

(b) l-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti taċ-ċertifikazzjoni tagħhom;

(c) lista taċ-ċentri taċ-ċertifikazzjoni fit-territorju tagħhom u n-numru tal-kodiċi allokat lil kull ċentru taċ-ċertifikazzjoni.

2. In-notifiki lill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2017/1183 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1185.

3. It-tneħħija ta' ċentru taċ-ċertifikazzjoni mil-lista nazzjonali għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

Artikolu 15

Pubblikazzjoni tal-listi

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-lista taż-żoni għall-produzzjoni tal-ħops u l-lista taċ-ċentri taċ-ċertifikazzjoni u n-numri tal-kodiċijiet tagħhom huma aġġornati kull sena u disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

TAQSIMA 7

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 16

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

IMMARKAR TAL-PAKKETTI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3

Il-pakketti għandhom jiġu mmarkat kif ġej, skont it-tip ta' pakkett:

(a) għall-koni tal-ħops imqiegħda f'balal jew qatet:
   — stampar fuq il-pakkett, jew
   — stampar fuq siġill adeżiv;

(b) għat-trab tal-ħops f'pakketti:
   — stampar fuq il-pakkett, jew
   — stampar fuq siġill adeżiv;

(c) għat-trab tal-ħops jew estratt tal-ħops f'kontenituri:
   — stampar fuq il-kontenitur,
   — stampar fuq is-siġill adeżiv jew ittimbrar fuq il-kontenitur;

(d) għall-pakketti ssiġillati li jkun fihom kunsinna ta' pakketti jew kontenituri ta' trab jew estratt:
   — stampar fuq il-pakkett issiġillat jew is-siġill adeżiv, u
   — stampar fuq kull pakkett jew kontenitur ta' trab jew estratt fil-pakkett issiġillat, jew fuq is-siġill adeżiv tiegħu.

ANNESS II

KOMPOŻIZZJONI TAN-NUMRU UNIKU TA' REFERENZA TAĊ-ĊERTIFIKAT IMSEMMI FL-ARTIKOLU 4

1. ĊENTRU TAĊ-ĊERTIFIKAZZJONI

Numru bi tliet ċifri bejn 000 u 099 allokat mill-awtorità taċ-ċertifikazzjoni tal-Istat Membru.

2. STATI MEMBRI LI JWETTQU Ċ-ĊERTIFIKAZZJONI

BE	għall-Belġju
BG	għall-Bulgarija
CZ	għaċ-Ċekja
DK	għad-Danimarka
DE	għall-Ġermanja
EE	għall-Estonja
EL	għall-Greċja
ES	għal Spanja
FR	għal Franza
HR	għall-Kroazja
IE	għall-Irlanda
IT	għall-Italja
CY	għal Ċipru
LV	għal-Latvja
LT	għal-Litwanja
LU	għal-Lussemburgu
HU	għall-Ungerija
MT	għal Malta
NL	għan-Netherlands
AT	għall-Awstrija
PL	għall-Polonja
PT	għall-Portugall
RO	għar-Rumanija
SI	għas-Slovenja
SK	għas-Slovakkja
FI	għall-Finlandja
SE	għall-Iżvezja

3. SENA TAL-ĦSAD

L-aħħar żewġ ċifri tas-sena tal-ħsad.

4. NUMRU UNIKU TA' IDENTIFIKAZZJONI

Kull ċentru taċ-ċertifikazzjoni għandu jagħti numri distinti u konsekuttivi lill-kunsinni li jiċċertifikaw.

5. IDENTIFIKAZZJONI TAL-KUNSINNA

In-numru uniku ta' referenza mogħti lill-kunsill miċ-ċentru taċ-ċertifikazzjoni (pereżempju 012 BE 23 170225).

ANNESS III

ENTRATI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 4(2), L-EWWEL SUBPARAGRAFU, IL-PUNT (h), U L-ARTIKOLU 4(3), IL-PUNT (i)

bil-Bulgaru:	Сертифициран продукт — Регламент за изпълнение (ЕС) 2023/2896
bl-Ispanjol:	Producto certificado — Reglamento de Ejecución (UE) 2023/2896 de la Comisión
biċ-Ċek:	Ověřený produkt — Prováděcí nařízení Komise (EU) 2023/2896
bid-Daniż:	Certificeret produkt — Kommissionens gennemførelsesforordning (EU) 2023/2896
bil-Ġermaniż:	Zertifiziertes Erzeugnis — Durchführungsverordnung (EU) 2023/2896 der Kommission
bl-Estonjan:	Sertifitseeritud toode — Komisjoni rakendusmäärus (EL) 2023/2896
bil-Grieg:	Πιστοποιημένο προϊόν — Εκτελεστικός κανονισμός (ΕΕ) 2023/2896 της Επιτροπής
bl-Ingliż:	Certified product — Commission Implementing Regulation (EU) 2023/2896
bil-Franċiż:	Produit certifié — Règlement d'exécution (UE) 2023/2896 de la Commission
bil-Kroat:	Certificirani proizvod — Provedbena uredba Komisije (EU) 2023/2896
bl-Irlandiż:	Táirge deimhnithe — Rialachán Cur Chun Feidhme (AE) 2023/2896
bit-Taljan:	Prodotto certificato — Regolamento di esecuzione (UE) 2023/2896 della Commissione
bil-Latvjan:	Sertificēts produkts — Komisijas Īstenošanas regula (ES) 2023/2896
bil-Litwan:	Sertifikuotas produktas — Komisijos įgyvendinimo reglamentas (ES) 2023/2896
bl-Ungeriż:	Tanúsított termék — A Bizottság (EU) 2023/2896 végrehajtási rendelete
bil-Malti:	Prodott Iċċertifikat — Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2896
bl-Olandiż:	Gecertificeerd product — Uitvoeringsverordening (EU) 2023/2896 van de Commissie
bil-Pollakk:	Produkt certyfikowany — Rozporządzenie wykonawcze Komisji (UE) 2023/2896
bil-Portugiż:	Produto certificado — Regulamento de Execução (UE) 2023/2896 da Comissão
bir-Rumen:	Produs certificat — Regulamentul de punere în aplicare (UE) 2023/2896 al Comisiei
bis-Slovakk:	Certifikovaný výrobok — Vykonávacie nariadenie Komisie (EÚ) 2023/2896
bis-Sloven:	Certificiran pridelek — Izvedbena uredba Komisije (EU) 2023/2896
bil-Finlandiż:	Varmennettu tuote — Komission täytäntöönpanoasetus (EU) 2023/2896
bl-Iżvediż:	Certifierad produkt — Kommissionens genomförandeförordning (EU) 2023/2896

ANNESS IV

METODI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 7

A. METODU TA' KAMPJUNAR

Il-proċedura li ġejja għandha tintuża biex jittieħdu l-kampjuni tal-koni tal-ħops ħalli jiġi ddeterminat il-kontenut ta' ndewwa u, fejn ikun applikabbli, il-kontenut ta' materjal barrani:

1. Kampjunar

(a) Ħops ippakkjat

Għandu jittieħed piż tal-ħops proporzjonali għall-piż tal-pakkett mill-għadd ta' pakketti speċifikat fl-Artikolu 7(3). Għandhom jittieħdu biżżejjed kampjuni biex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed koni biex ikunu rappreżentattivi tal-pakkett.

(b) Ħops f'munzell sfuż

Biex jiġi kostitwit kampjun, jittieħdu porzjonijiet indaqs minn ħames sa għaxar postijiet differenti fil-munzell kemm mill-wiċċ u kemm minn imkejjen b'fond differenti. Il-kampjun jitqiegħed fil-kontenitur mill-aktar fis possibbli. Biex jiġi evitat deterjorament veloċi, il-kwantità tal-ħops trid tkun kbira biżżejjed biex tiġi kkompressata sew meta jingħalaq il-kontenitur.

Il-kampjun irid ikun jiżen tal-anqas 250 gramma.

2. Taħlita

Il-kampjuni jridu jitħalltu bir-reqqa biex ikunu rappreżentattivi tal-kunsinna.

3. Sottokampjunar

Wara t-taħlit, jittieħed kampjun rappreżentattiv jew aktar u jitqiegħed/jitqiegħdu ġo kontenitur impermeabbli, li ma tgħaddix l-arja minnu bħal kaxxa tal-metall, vażett tal-ħġieġ jew borża tal-plastik, minbarra fejn il-kontenut ta' materjal barrani biss ikun irid jiġi ċċekkjat.

4. Ħżin

Minbarra waqt il-ġarr tagħhom, il-kampjuni jridu jinħażnu f'post kiesaħ. Wieħed jenħtieġ li joqgħod attent li jħalli l-kampjuni fil-kontenitur jerġgħu joqogħdu għat-temperatura tal-kamra qabel ma jinfetħu għall-eżami jew għall-analiżi.

B. METODI BIEX IKUN IĊĊEKKJAT IL-KONTENUT TA' NDEWWA TAL-ĦOPS

1. Metodu (i)

Il-kampjuni għall-kontenut ta' ndewwa ma jridux jintaħnu. Jenħtieġ li jitħallew esposti għall-arja biss għall-ħin minimu meħtieġ biex jiġu ttrasferiti mill-kontenitur għar-reċipjent tal-użin (li jrid ikun bl-għatu).

Apparat

Miżien sensittiv sa 0,005 grammi.

Forn għat-tnixxif imsaħħan bl-elettriku u bit-termostat jaqta' bejn 105 sa 107 °C (l-effikaċja tal-forn jenħtieġ li tiġi ċċekkjata bit-test tas-sulfat tar-ram).

Dixxijiet tal-metall b'dijametru bejn 70 u 100 mm, fondi bejn 20 sa 30 mm u mgħammra b'għotjien jagħlqu tajjeb.

Dessikaturi ordinarji, addattati biex jakkomodaw id-dixxijiet u li jkun fihom dessikant bħal ġell tas-silika indikatur.

Metodu

Bejn 3 u 5 grammi ta' ħops jiġu trasferiti f'dixx u l-għatu jingħalaq qabel l-użin. L-użin irid isir kemm jista' jkun malajr. L-għatu jitneħħa u d-dixx jitqiegħed fil-forn għal siegħa bl-eżatt. L-għatu jerġa' jitpoġġa, id-dixx jitqiegħed f'dessikatur biex jibred għal tal-anqas 20 minuta u mbagħad id-dixx jintiżen.

Kalkolu

It-telf tal-piż jiġi kkalkulat bħala perċentwali tal-piż oriġinali tal-ħops. Id-devjazzjoni massima ta' stima individwali hija ta' 1 %.

2. Metodu (ii)

Metodu fejn tintuża magna tal-użin elettroniku li jnixxef il-ħops bir-raġġi infra-ħomor jew bl-arja sħuna, jew apparat tal-użin elettroniku, li jirreġistra fuq skala l-livell tal-umdità tal-kampjun li jkun ittieħed.

C. METODU BIEX JIĠI ĊĊEKJAT IL-KONTENUT TA' MATERJA BARRANIJA

1. Determinar tal-kontenut ta' weraq, zkuk u skart

Ħames kampjuni ta' 100 gramma (jew kampjun wieħed ta' 250 gramma) jitgħarblu billi jintuża passatur ta' 2 sa 3 mm. Il-lupulin, l-iskart u ż-żerriegħa jridu jinġabru u ż-żerriegħa tingħażel bl-idejn. Il-kampjuni jitqiegħdu f'ġenb minnhom. Il-kontenut tal-passatur ta' 2 sa 3 mm jiġi trasferit għal ġo passatur ta' 8 sa 10 mm u jerġa' jitgħarbel.

Il-koni tal-ħops, il-weraq, iz-zkuk u l-materja barranija jinġabru bl-idejn mill-passatur filwaqt li l-weraq tal-koni, iż-żerriegħa, il-lupulin, l-iskart u xi weraq u zkuk jibqgħu għaddejjin. Dan kollu jingħażel bl-idejn u jitqassam fil-gruppi li ġejjin:

(a) weraq u zkuk;

(b) ħops (weraq tal-koni, koni tal-ħops u lupulin);

(c) skart;

(d) żerriegħa.

Filwaqt li huwa konsiderevolment diffiċli li jingħażel preċiżament l-iskart mil-lupulin, huwa possibbli bl-użu ta' passatur b'daqs tal-malja ta' 0,8 millimetri, li jiddetermina bejn wieħed u ieħor il-proporzjonijiet relattivi tal-iskart u l-lupulin.

Meta jkun qed jiġi kkalkulat il-proporzjon tal-lupulin, jenħtieġ li jitqies li d-densità tal-lupulin hija erba' darbiet akbar minn dik tal-iskart.

Id-diversi gruppi jintiżnu u jiġi ddeterminat il-perċentwali li kull grupp jirrappreżenta fil-piż tal-kampjun oriġinali.

2. Determinar tal-kontenut taż-żerriegħa

Il-kampjun ta' 25 gramma jitqiegħed f'kontenitur tal-metall b'għatu u jissaħħan f'forn għat-tnixxif għal sagħtejn b'temperatura ta'115 °C sabiex tiġi newtralizzata r-reżina li twaħħal.

Il-kampjun imnixxef jitgeżwer f'biċċa ħoxna tal-qoton u jingħorok vigorożament jew jingħata d-daqqiet b'mod mekkaniku sabiex tinqala' ż-żerriegħa minn mal-ħops. Il-ħops imnixxef u mfarrak irqiq jingħażel miż-żerriegħa b'mitħan jew b'passatur tal-metall ta' 1 mm.

Kull oġġett li jibqa' jingħażel maż-żerriegħa billi jintuża wiċċ inklinat miksi b'karta tal-iżmerill jew kwalunkwe metodu ieħor li jagħti l-istess riżultat, jiġifieri li jżomm iz-zkuk u materjal ieħor u jħalli ż-żerriegħa taqa' għal isfel.

Iż-żerriegħa tintiżen u jiġi ddeterminat il-perċentwali taż-żerriegħa relattiva għall-piż tal-kampjun oriġinali.